DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1200

tad-19 ta' Lulju 2021

li testendi l-mandat tal-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea u li taħtar il-President li jmiss tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/79/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2001/79/PESK, il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea ("il-Kumitat Militari") jinħatar mill-Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża. F'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, il-mandat tal-President tal-Kumitat Militari huwa ta' tliet snin, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

(2) Fl-20 ta' Frar 2018, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/297 ([2]), il-Kunsill ħatar lill-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari, b'mod eċċezzjonali, għal perijodu ta' tliet snin u nofs, mis-6 ta' Novembru 2018.

(3) Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021, il-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża rrakkomanda li l-Ġeneral Robert BRIEGER jinħatar President tal-Kumitat Militari għal perijodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Ġunju 2022.

(4) Il-mandat tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari jenħtieġ li jiġi estiż sal-bidu tal-mandat tal-Ġeneral Robert BRIEGER.

(5) Il-Ġeneral Robert BRIEGER jenħtieġ li jinħatar President tal-Kumitat Militari mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea huwa b'dan estiż sal-31 ta' Mejju 2022.

Artikolu 2

Il-Ġeneral Robert BRIEGER huwa b'dan maħtur President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2001, p. 4.
([2]) Id- Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/297 tal-20 ta' Frar 2018 li taħtar il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 33).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PODGORŠEK